# Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR JAMES MALLIA) V. GIAN CARLO BOTTONE (KI. 316094M)

(FRODI B'GHEMIL QARRIEQI JEW TRUFFA – KAP. 9 ART. 308 – FALSIFIKAZZJONI FI SKRITTURA KUMMERĊJALI MINN PERSUNA LI MA TKUNX UFFIĊJAL PUBBLIKU U UŻU TA TALI SKRITTURA– KAP. 9 ART. 183, 184)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' Frar 2023**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Gian Carlo Bottone ("l-imputat") li ġie ppreżentat taħt arrest quddiemha illum stess mixli illi:

'fix-xhur ta' bejn Settembru 2022 u Jannar 2023 u fil-jiem u xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta' Elektra Limited u/jew Electrical Supplies & Services Limited (C27813) u/jew entitajiet oħra liema qliegħ jammonta għall-aktar minn ħamest elef euro (€5,000) - Artikoli 18, 308 u 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Għamel xi qliegħ b'qerq għad-detriment ta' Elektra Limited u/jew Electrical Supplies & Services Limited (C27813) u/jew entitajiet oħra liema qliegħ jammonta għall-aktar minn ħamest elef euro (€5,000) - Artikoli 18, 309 u 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw - Artikoli 18, u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza - Artikoli 18, u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.'

wara li rat illi l-imputat għall-mistoqsija fl-Artikolu 392(1)(b) tal-Kap. 9 stqarr li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għajr għall-imputazzjoni numru tnejn li ġiet kuntestata bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni tat-truffa,

wara li l-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi,

wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu (għajr għat-tieni imputazzjoni kif fuq imfisser);

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur James Mallia
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Joe Giglio

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr li ssib lill-imputat ħati ta' dawk l-imputazzjonijiet li ammetta għalihom.

2. Fit-tfassil tal-piena l-Qorti qieset illi qabel il-ftuħ tal-proċeduri odjerni l-imputat ħallas lura lill-parti leża l-ammont kollu li ttieħdilhom bi frodi u ċioe s-somma ta' ħmistax-il elf euro (€15,000). Inoltre l-imputat mill-bidu nett tal-investigazzjoni wera koperazzjoni sħiħa u assoluta mal-Pulizija Eżekuttiva u ammetta huwa stess fl-istqarrija tiegħu illi għandu bżonn l-għajnuna sabiex jikkontrolla l-vizzju tiegħu tad-droga tant illi fil-ġimgħat li ġejjin huwa maħsub li jibda programm residenzjali ta'

rijabilitazzjoni minn dan il-vizzju. Fl-aħħar u mhux l-anqas il-Qorti qieset il-fedina penali netta tal-imputat u l-ammissjoni immedjata tiegħu fl-ewwel stadju tal-proċeduri.

3. Il-Qorti tara li għalkemm il-piena applikabbli hija dik ta' bejn sentejn u disa' snin priġunerija jeżistu ċ-ċirkustanzi kollha (tenut kont ix-xorta tar-reati u l-karattru tal-imputat) sabiex minflok ma' timponi piena karċerarja, tagħmel ordni ta' *probation* sabiex l-imputat jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu partikolarment mill-vizzju tad-droga. Għal dan il-għan il-Qorti sejra ukoll tagħmel ordni ta' trattament.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 18(h), 183, 184, 308, 310(1), 337 tal-Kap. 9 u l-Art. 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiddikjara lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet numru wieħed, tlieta u erbgħa u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri fir-rigward tat-tieni imputazzjoni in kwantu ġiet kontestata bħala alternattiva għall-ewwel waħda, minflok timponi piena karċerarja qegħda tpoġġi lill-imputat taħt ordni ta' *probation* u ordni ta' trattament għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt il-kundizzjonijet elenkati fid-digrieti relattivi.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |